Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2023/0169(COD)

3.3.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-miżuri u l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-adulti
(COM(2023)0280 – C9-0192/2023 – 2023/0169(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Jana Toom

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 48

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM 49

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-miżuri u l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-adulti (COM(2023)0280 – C9-0192/2023 – 2023/0169(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0280),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0192/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mill-Parlament Ġermaniż, Taljan u Portugiż fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tat-18 ta' Lulju 2023,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2024,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60, 41 u 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A10-0000/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni tiegħu annessa ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje L ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien mal-att leġiżlattiv finali;

3. Jissuġġerixxi li l-att jiġi kkwotat bħala "r-Regolament Jana Toom-..... dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-miżuri u l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-adulti"[2];

4. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod

[1] https://connectfolx.europarl.europa.eu/connefof/app/exp/COM(2023)0280
[2] Jana Toom u ... mexxew in-negozjati dwar l-att, għall-Parlament u l-Kunsill rispettivament.

sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jistabbilixxi regoli, f'każijiet ***transfruntieri***, għall-protezzjoni tal-adulti li, minħabba indeboliment jew insuffiċjenza tal-kapaċitajiet personali tagħhom, ma jkunux f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ***ta' miżuri***, l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Awtoritajiet Ċentrali.	(1) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jistabbilixxi regoli, f'każijiet ***transfruntiera***, għall-protezzjoni tal-adulti li, minħabba indeboliment jew insuffiċjenza tal-kapaċitajiet personali tagħhom, ma jkunux f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom ***jew ikunu jeħtieġu appoġġ u salvagwardji fl-eżerċizzju tal-kapaċità ġuridika tagħhom***. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ***tal-miżuri***, l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Awtoritajiet Ċentrali.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Barra minn hekk, l-interpretazzjoni tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun gwidata mill-objettivi tagħha li huma li ttejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u drittijiet oħrajn tal-adulti f'sitwazzjonijiet ***transfruntieri***, inkluż id-dritt tagħhom għall-awtonomija, l-aċċess għall-ġustizzja,	(10) Barra minn hekk, l-interpretazzjoni tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun gwidata mill-objettivi tagħha li huma li ttejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u drittijiet oħrajn tal-adulti f'sitwazzjonijiet ***transfruntiera***, inkluż id-dritt tagħhom għall-awtonomija, l-aċċess għall-ġustizzja,

id-dritt għall-proprjetà, id-dritt li ***wieħed jinstema'***, id-dritt għall-moviment liberu u l-ugwaljanza. F'dan ir-rigward, dan ir-Regolament jibni fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") u fuq id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem f'dan il-qasam. B'mod partikolari, parti sinifikanti mill-adulti li għalihom japplika dan ir-Regolament huma persuni b'diżabilità. Id-drittijiet tagħhom, inkluż id-dritt għall-ugwaljanza ***quddiem*** il-liġi, l-integrità, l-aċċess għall-ġustizzja u r-rispett għad-dinjità inerenti u l-awtonomija individwali tagħhom, huma garantiti mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[11] ("UNCRPD"), li għaliha kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri tagħha huma partijiet. Id-drittijiet salvagwardjati fil-UNCRPD ***għandhom*** jiġu protetti kemm f'każijiet nazzjonali kif ukoll f'dawk ***transfruntieri***, u fejn jittieħdu miżuri fir-rigward ta' persuni b'diżabilità, dawk il-miżuri ***għandhom ikunu*** konformi mal-UNCRPD. Dan ir-Regolament, li jistabbilixxi regoli tad-dritt internazzjonali privat għal każijiet ***transfruntieri***, jenħtieġ li jiġi applikat b'mod konsistenti mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem skont il-UNCRPD, b'mod partikolari mal-Artikoli 3, 9, 12 u 19 tiegħu. Bħala Partijiet kontraenti għall-UNCRPD, l-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li l-liġijiet sostantivi u proċedurali nazzjonali tagħhom dwar it-trattament tal-adulti jkunu konsistenti mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem previsti mill-UNCRPD. B'mod partikolari, l-Istati Membri ***għandhom*** jirrispettaw l-ugwaljanza tal-adulti ***quddiem*** il-liġi u d-dritt tagħhom li jgawdu kapaċità ***legali*** fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor fl-aspetti kollha tal-ħajja, bl-appoġġ li jistgħu jirrikjedu, kif ukoll l-awtonomija u l-integrità tal-adulti f'konformità mal-Artikolu 12 tal-UNCRPD.

id-dritt għall-proprjetà, id-dritt li ***jinstemgħu***, id-dritt għall-moviment liberu u l-ugwaljanza. F'dan ir-rigward, dan ir-Regolament jibni fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") u fuq id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem f'dan il-qasam. B'mod partikolari, parti sinifikanti mill-adulti li għalihom japplika dan ir-Regolament huma persuni b'diżabilità. Id-drittijiet tagħhom, inkluż id-dritt għall-ugwaljanza ***f'għajnejn*** il-liġi, l-integrità, l-aċċess għall-ġustizzja u r-rispett għad-dinjità inerenti u l-awtonomija individwali tagħhom, huma garantiti mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[11] ("UNCRPD"), li għaliha kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri tagħha huma partijiet. Id-drittijiet salvagwardjati fil-UNCRPD ***iridu*** jiġu protetti kemm f'każijiet nazzjonali kif ukoll f'dawk ***transfruntiera***, u fejn jittieħdu miżuri fir-rigward ta' persuni b'diżabilità, dawk il-miżuri ***jridu jkunu*** konformi mal-UNCRPD. Dan ir-Regolament, li jistabbilixxi regoli tad-dritt internazzjonali privat għal każijiet ***transfruntiera***, jenħtieġ li jiġi applikat b'mod konsistenti mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem skont il-UNCRPD, b'mod partikolari mal-Artikoli 3, 9, 12 u 19 tiegħu. Bħala Partijiet kontraenti għall-UNCRPD, l-Istati Membri ***jeħtiġilhom*** jiżguraw li l-liġijiet sostantivi u proċedurali nazzjonali tagħhom dwar it-trattament tal-adulti jkunu konsistenti mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem previsti mill-UNCRPD. B'mod partikolari, l-Istati Membri ***jeħtiġilhom*** jirrispettaw l-ugwaljanza tal-adulti ***f'għajnejn*** il-liġi u d-dritt tagħhom li jgawdu kapaċità ***ġuridika*** fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor fl-aspetti kollha tal-ħajja, bl-appoġġ li jistgħu jirrikjedu, kif ukoll l-awtonomija u l-integrità tal-adulti f'konformità mal-Artikolu 12 tal-UNCRPD. ***Biex jiġi żgurat, f'konformità mal-UNCRPD, li l-persuni kollha b'diżabilità jgawdu kapaċità ġuridika fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor,***

	il-qrati jenħtieġ li jagħtu prijorità lit-teħid ta' deċiżjonijiet appoġġat aktar milli lit-teħid ta' deċiżjonijiet sostituttiv, fejn xieraq, filwaqt li jiżguraw li r-rieda u l-preferenzi tal-adult ikkonċernat ikunu ċentrali għal kwalunkwe intervent protettiv.
[11] ĠU L 23, 27.1.2010, p. 37.	[11] ĠU L 23, 27.1.2010, p. 37.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Dan ir-regolament għandu l-għan li jappoġġa l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti tal-HCCH tal-2000 b'miżuri li huma ffukati fuq ir-rispett sħiħ tal-awtonomija tal-adulti kkonċernati u l-istabbiliment ta' reġimi ta' teħid ta' deċiżjonijiet appoġġati u l-ippjanar minn qabel madwar l-Unjoni.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri materji ċivili li jinvolvu l-protezzjoni tal-adulti, b'mod partikolari dawk relatati ma' miżuri, strumenti awtentiċi u setgħat ta' rappreżentanza, ***immirati lejn il-protezzjoni ta'*** adult. ***Il-***	(12) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri materji ċivili li jinvolvu ***l-appoġġ u***l-protezzjoni tal-adulti, b'mod partikolari dawk relatati ma' miżuri, strumenti awtentiċi u setgħat ta' rappreżentanza, ***li jkollhom l-għan li jappoġġaw u jipproteġu***

protezzjoni hija meħtieġa minħabba insuffiċjenza jew indeboliment tal-kapaċitajiet personali tal-adult, li jistgħu jkunu permanenti jew temporanji u, fost l-oħrajn, ta' natura fiżika jew psikosoċjali, jew b'rabta ma' marda relatata mal-età, bħall-marda ta' Alzheimer, jew li tirriżulta minn kundizzjoni tas-saħħa, bħal ***f'koma***. ***Il-protezzjoni hija meħtieġa*** b'mod partikolari meta l-ostakoli fl-interazzjoni ma' firxa ta' fatturi ambjentali u personali jxekklu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, b'mod partikolari meta l-insuffiċjenza jew l-indeboliment ***tal-faċilitajiet*** personali tal-adult ***ikun*** tali li ***jipprevjeni*** lil dak l-adult milli jipproteġi l-interessi tiegħu stess, bħall-interessi ta' proprjetà u l-interessi personali jew tas-saħħa. Negliġenza serja tal-interessi personali jew tal-proprjetà tal-qraba li għalihom huwa responsabbli l-adult tista' wkoll tiżvela indeboliment jew insuffiċjenza tal-kapaċitajiet personali tal-adult.

adult. ***L-appoġġ u l-protezzjoni huma*** meħtieġa minħabba insuffiċjenza jew indeboliment tal-kapaċitajiet personali tal-adult, li jistgħu jkunu permanenti jew temporanji u, fost l-oħrajn, ta' natura fiżika jew psikosoċjali, jew b'rabta ma' marda relatata mal-età, bħall-marda ta' Alzheimer, jew li tirriżulta minn kundizzjoni tas-saħħa, bħal ***koma***. ***Il-kapaċitajiet personali tal-adult jistgħu jiġu affettwati kompletament jew parzjalment u l-adult jista' jirrikjedi gradi differenti ta' appoġġ u assistenza fl-eżerċizzju tal-kapaċità ġuridika tiegħu. Forom aktar intensivi ta' protezzjoni jistgħu*** b'mod partikolari ***jkunu meħtieġa*** meta l-ostakoli fl-interazzjoni ma' firxa ta' fatturi ambjentali u personali jxekklu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, b'mod partikolari meta l-insuffiċjenza jew l-indeboliment ***tal-kapaċitajiet*** personali tal-adult ***ikunu*** tali li ***jipprevjenu*** lil dak l-adult milli jipproteġi l-interessi tiegħu stess, bħall-interessi ta' proprjetà u l-interessi personali jew tas-saħħa. ***F'sitwazzjonijiet tali, il-protezzjoni xorta jenħtieġ li tingħata bir-rispett shiħ għar-rieda u għall-preferenzi tal-adult. Eżempji ta' appoġġ xieraq tal-adult f'sitwazzjonijiet tali jinkludu l-inferenza tar-rieda u tal-preferenzi tal-adult mingħand iċ-ċirku soċjali tal-adult, xewqat li jkunu ġew iddikjarati qabel jew sorsi oħra ta' informazzjoni li jistgħu jiżvelaw il-preferenzi.*** Negliġenza serja tal-interessi personali jew tal-proprjetà tal-qraba li għalihom huwa responsabbli l-adult tista' wkoll tiżvela indeboliment jew insuffiċjenza tal-kapaċitajiet personali tal-adult.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-punt sa fejn insuffiċjenza jew indeboliment tal-kapaċitajiet personali tal-adult jistgħu jinbidlu maż-żmien. Id-deċiżjonijiet meħuda biex l-adult jiġi appoġġat u protett jenħtieġ li jiġu riežaminati f'intervalli xierqa ta' żmien sabiex jitqiesu l-bidliet fiċ-ċirkostanzi tal-adult u biex jiġi kkonfermat jekk il-miżuri relatati għadhomx ġustifikati.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiddefinixxi b'mod partikolari l-kunċetti ta' adulti, rappreżentanti u awtoritajiet, li jista' jkollhom tifsiriet diverġenti fis-sistemi legali tal-Istati Membri. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, adult huwa persuna li għalqet it-18-il sena. ***Skont il-kuntest, dan*** jenħtieġ li jirreferi ***pereżempju għall-adulti*** li, minħabba indeboliment jew insuffiċjenza tal-kapaċitajiet personali ***tagħhom***, ma ***jkunux*** f'pożizzjoni li ***jipproteġu*** l-interessi ***tagħhom,*** jew ***għall-adulti li jkunu taw setgħat ta' rappreżentanza li għandhom jiġu eżerċitati meta dawk l-adulti ma jkunux f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom***.	(16) Sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiddefinixxi b'mod partikolari l-kunċetti ta' adulti, rappreżentanti u awtoritajiet, li jista' jkollhom tifsiriet diverġenti fis-sistemi legali tal-Istati Membri. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, adult huwa persuna li għalqet it-18-il sena. ***It-terminu "adult vulnerabbli"*** jenħtieġ li jirreferi ***għal adult*** li, minħabba indeboliment jew insuffiċjenza tal-kapaċitajiet personali ***tiegħu***, ma ***jkunx*** f'pożizzjoni li ***jipproteġi*** l-interessi ***tiegħu*** jew ***jeħtieġ appoġġ u salvagwardji fl-eżerċizzju tal-kapaċità ġuridika tiegħu***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'mod li jikkorrispondi għad-definizzjoni l-ġdida fl-Artikolu 3(1).

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u f'konformità ***mat-terminoloġija użata*** fil-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti tal-HCCH tal-2000***, il-kunċett ta' "awtorità" jenħtieġ li jiġi interpretat bħala li jirreferi għall-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi li jieħdu miżuri diretti lejn il-protezzjoni tal-adult***. B'mod aktar ġenerali, "awtorità kompetenti" jenħtieġ li tiġi interpretata bħala li tirreferi għal awtorità pubblika ta' Stat Membru b'responsabbiltajiet fi kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-adulti. Din tinkludi awtoritajiet li jieħdu miżuri, awtoritajiet li jfasslu atti awtentiċi u awtoritajiet li joħorġu attestazzjonijiet, formoli jew iċ-Ċertifikat Ewropew ta' Rappreżentanza. Din tinkludi wkoll awtoritajiet oħrajn, jew entitajiet li jaġixxu f'kapaċità uffiċjali fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-adulti, bħal dawk li huma responsabbli għas-superviżjoni jew l-implimentazzjoni ta' miżuri.	(18) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u ***sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli tad-dritt internazzjonali privat fl-Istati Membri, il-kunċett ta' "qorti" jenħtieġ li jiġi interpretat*** f'konformità ***mat-terminu "awtorità" użat*** fil-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti tal-HCCH tal-2000. B'mod aktar ġenerali, "awtorità kompetenti" jenħtieġ li tiġi interpretata bħala li tirreferi għal awtorità pubblika ta' Stat Membru b'responsabbiltajiet fi kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-adulti. Din tinkludi awtoritajiet li jieħdu miżuri, awtoritajiet li jfasslu atti awtentiċi u awtoritajiet li joħorġu attestazzjonijiet, formoli jew iċ-Ċertifikat Ewropew ta' Rappreżentanza. Din tinkludi wkoll awtoritajiet oħrajn, jew entitajiet li jaġixxu f'kapaċità uffiċjali fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-adulti, bħal dawk li huma responsabbli għas-superviżjoni jew l-implimentazzjoni ta' miżuri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'mod li jikkorrispondi għall-bidla fid-definizzjoni fl-Artikolu 3(6).

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Biex jiġi żgurat li l-adulti vulnerabbli f'sitwazzjonijiet transfruntiera jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv u jibbenefikaw minn protezzjoni ġudizzjarja, dan ir-Regolament jintroduċi miżuri ta' appoġġ addizzjonali li jikkomplementaw il-qafas għall-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar, l-istrumenti awtentiċi, u l-kooperazzjoni. Dawk il-miżuri għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja, itejbu l-effiċjenza proċedurali, u jiżguraw il-kontinwità tal-arranġamenti protettivi fl-Istati Membri kollha. L-informazzjoni dwar is-salvagwardji proċedurali disponibbli, ir-rimedji u l-miżuri ta' appoġġ eżistenti jenħtieġ li tkun disponibbli f'post uniku, fl-hekk imsejjaħ "punt uniku ta' servizz", sabiex jiġi pprovdut aċċess faċli għal informazzjoni ddedikata mingħajr ħlas lill-adulti vulnerabbli u lil dawk li jirrappreżentawhom. Huwa possibbli li adulti vulnerabbli f'sitwazzjonijiet transfruntiera jistgħu jsofru riperkussjonijiet finanzjarji u ħsara. Għalhekk, l-informazzjoni pprovduta permezz tal-"punt uniku ta' servizz" jenħtieġ li tkopri mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti, pereżempju informazzjoni dwar organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet rilevanti li jipprovdu assistenza legali jew kwalunkwe forma oħra ta' assistenza rilevanti jew appoġġ lill-adulti vulnerabbli koperti b'dan ir-Regolament.
	Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) L-adulti vulnerabbli jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jinstemgħu u jkunu involuti b'mod sinifikanti fi proċedimenti li jaffettwaw l-istatus legali tagħhom, inkluż fejn diversi Stati Membri jista' jkollhom ġuriżdizzjoni. Biex jiġu evitati diffikultajiet mhux meħtieġa, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jipprevedu l-possibbiltà ta' parteċipazzjoni remota u jiżguraw li l-adulti vulnerabbli jiġu infurmati dwar il-kriterji ġuriżdizzjonali li japplikaw għalihom. Fejn meħtieġ, jenħtieġ li miżuri ta' protezzjoni transfruntiera temporanji jkunu disponibbli biex tiġi evitata l-inċertezza legali filwaqt li tkun qed tiġi ddeterminata l-ġuriżdizzjoni.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 22c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22c) Fir-rigward tal-liġi applikabbli, l-adulti vulnerabbli spiss jiffaċċjaw diffikultajiet biex jifhmu l-implikazzjonijiet legali tal-miżuri ta' protezzjoni meħuda fi Stati Membri differenti. Biex tiġi indirizzata dik il-problema, l-għodod ta' gwida multilingwi jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni b'lingwa li l-adult vulnerabbli huwa mistenni li jifhem. Is-servizzi ta' informazzjoni legali jenħtieġ li jkunu disponibbli biex jispjegaw l-oqfsa legali rilevanti, b'mod partikolari f'każijiet fejn adult vulnerabbli jkun qagħad fuq strumenti ta' ppjanar bil-quddiem jew arranġamenti legali oħra li jeħtieġu rikonoxximent transfruntier.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 22d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22d) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera, dan ir-Regolament jipprevedi l-ħolqien ta' network ta' mħallfin ta' kollegament transfruntiera li jispeċjalizzaw fil-protezzjoni ta' adulti vulnerabbli, filwaqt li jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu żviluppati pjattaformi ta' kooperazzjoni online biex il-professjonisti li jassistu lill-adulti vulnerabbli, bħall-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja, ikunu jistgħu jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa b'mod sigur.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 22e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22e) Minħabba r-rwol dejjem akbar tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fil-proċessi legali u amministrattivi, dan ir-Regolament jipprevedi l-użu responsabbli ta' għodod assistiti mill-IA biex jiġu appoġġati adulti vulnerabbli f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Is-servizzi ta' gwida legali li jaħdmu bl-IA jistgħu jipprovdu spjegazzjonijiet aċċessibbli tal-ġuriżdizzjoni, tal-liġi applikabbli, u tal-proċeduri ta' rikonoxximent, filwaqt li għodod awtomatizzati ta' trekkjar tal-

każijiet jistgħu jippermettu lill-adulti vulnerabbli u lir-rappreżentanti tagħhom jimmonitorjaw il-progress tal-każijiet tagħhom f'diversi ġuriżdizzjonijiet. Is-sistemi ta' detezzjoni tar-riskju xprunati mill-IA jistgħu jgħinu wkoll biex jidentifikaw inkonsistenzi fil-miżuri protettivi, filwaqt li jikkontribwixxu għal koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 22f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22f) Il-miżuri ta' appoġġ previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkomplementaw u jsaħħu l-qafas tal-kooperazzjoni ġudizzjarja stabbilit minn dan ir-Regolament, filwaqt li jiżguraw li l-adulti vulnerabbli jirċievu assistenza prattika filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-awtonomija, id-dinjità, u d-drittijiet fundamentali tagħhom.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tiġi faċilitata ċ-ċirkolazzjoni ta' miżuri u ta' strumenti awtentiċi fl-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu previsti attestazzjonijiet li jakkumpanjawhom meta dawn ikunu jeħtieġu li jiġu rikonoxxuti, infurzati, jew, skont il-każ, aċċettati barra mill-pajjiż. Il-proċeduri għar-rettifika, l-	(30) Sabiex tiġi faċilitata ċ-ċirkolazzjoni ta' miżuri u ta' strumenti awtentiċi fl-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu previsti attestazzjonijiet li jakkumpanjawhom meta dawn ikunu jeħtieġu li jiġu rikonoxxuti, infurzati, jew, skont il-każ, aċċettati barra mill-pajjiż. Il-proċeduri għar-rettifika, l-

irtirar u l-kontestazzjoni tal-attestazzjonijiet użati għar-rikonoxximent u għall-infurzar tal-miżuri u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi jenħtieġ li jitħallew ***f'idejn*** id-dritt nazzjonali. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtoritajiet jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji meta joħorġu l-attestazzjonijiet u l-ħruġ jifforma parti mill-kontinwità tal-proċedimenti ġudizzjarji preċedenti. Għalhekk, jenħtieġ li rimedji adegwati u effettivi fil-kuntest ta' dan il-ħruġ isiru disponibbli mill-Istati Membri.

irtirar u l-kontestazzjoni tal-attestazzjonijiet użati għar-rikonoxximent u għall-infurzar tal-miżuri u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi jenħtieġ li jitħallew ***skont*** id-dritt nazzjonali. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtoritajiet jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji meta joħorġu l-attestazzjonijiet u l-ħruġ ***tal-attestazzjonijiet*** jifforma parti mill-kontinwità tal-proċedimenti ġudizzjarji preċedenti. Għalhekk, jenħtieġ li rimedji adegwati u effettivi fil-kuntest ta' dan il-ħruġ isiru disponibbli mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Skont l-Artikolu 19 tal-UNCRPD, il-persuni b'diżabilità ***għandu jkollhom*** l-opportunità li jagħżlu l-post ta' residenza tagħhom u fejn u ma' min jgħixu, fuq bażi ugwali bħal ħaddieħor, u li ma jkunux obbligati jgħixu f'arranġament ta' għajxien partikolari. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jistgħu jinħolqu sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet ta' Stat Membru ***jeħtieġ li*** jieħdu miżura dwar il-post ta' residenza jew it-tqegħid ta' adult f'post temporanju. Eżempji ta' sitwazzjonijiet bħal dawn huma każijiet fejn l-awtoritajiet jipprovdu assistenza lill-adult fit-teħid ta' deċiżjoni dwar il-post ta' residenza tiegħu jew tagħha jew fejn adult ma jkunx f'pożizzjoni li jesprimi l-fehmiet tiegħu jew tagħha u ma jkunx ta setgħat biex tittieħed deċiżjoni dwar dan jew il-post ta' residenza tiegħu lil rappreżentant, u tkun meħtieġa ammissjoni f'faċilità ta' kura. Meta tqegħid bħal dan ***għandu*** jiġi implimentat fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ	(33) Skont l-Artikolu 19 tal-UNCRPD, il-persuni b'diżabilità ***irid ikollhom*** l-opportunità li jagħżlu l-post ta' residenza tagħhom u fejn u ma' min jgħixu, fuq bażi ugwali bħal ħaddieħor, u li ma jkunux obbligati jgħixu f'arranġament ta' għajxien partikolari. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jistgħu jinħolqu sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet ta' Stat Membru ***jkunu meħtieġa*** jieħdu miżura dwar il-post ta' residenza jew it-tqegħid ta' adult f'post temporanju. Eżempji ta' sitwazzjonijiet bħal dawn huma każijiet fejn l-awtoritajiet jipprovdu assistenza lill-adult fit-teħid ta' deċiżjoni dwar il-post ta' residenza tiegħu jew tagħha jew fejn adult ma jkunx f'pożizzjoni li jesprimi l-fehmiet tiegħu jew tagħha u ma jkunx ta setgħat biex tittieħed deċiżjoni dwar dan jew il-post ta' residenza tiegħu lil rappreżentant, u tkun meħtieġa ammissjoni f'faċilità ta' kura***. F'konformità mal-Artikolu 19 tas-CRPD, il-qrati ta' Stat Membru jenħtieġ li***

li titwettaq proċedura ta' konsultazzjoni biex jinkiseb il-kunsens tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru ta' implimentazzjoni qabel ma tittieħed dik il-miżura. It-talba għal kunsens magħmula mill-awtorità tal-oriġini jenħtieġ li tinkludi r-raġunijiet għall-miżura proposta, u l-fehmiet espressi mill-adult ikkonċernat fejn possibbli, fid-dawl tal-Artikolu 19 tal-UNCRPD. L-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru ta' implimentazzjoni jenħtieġ li tkun tista' tiddeċiedi minnufih jekk tagħtix il-kunsens jew tirrifjutahx. Jenħtieġ li n-nuqqas ta' tweġiba fi żmien sitt ġimgħat ma jinftehimx bħala kunsens u jenħtieġ li mingħajr kunsens il-miżura ma tiġix implimentata. Jenħtieġ li l-konsultazzjoni ma titwettaqx meta t-tqegħid ikun ma' individwu u ma jkunx jirrikjedi s-superviżjoni ta' kwalunkwe awtorità pubblika tal-Istat Membru ta' implimentazzjoni.

dejjem ifittxu l-kunsens tal-adult vulnerabbli meta tiġi kkontemplata deċiżjoni dwar il-post ta' residenza jew it-tqegħid temporanju ta' dak l-adult vulnerabbli. Meta tqegħid bħal dan ***ikollu*** jiġi implimentat fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' konsultazzjoni biex jinkiseb il-kunsens tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru ta' implimentazzjoni qabel ma tittieħed dik il-miżura. It-talba għal kunsens magħmula mill-awtorità tal-oriġini jenħtieġ li tinkludi r-raġunijiet għall-miżura proposta, u l-fehmiet espressi mill-adult ikkonċernat fejn possibbli, fid-dawl tal-Artikolu 19 tal-UNCRPD. L-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru ta' implimentazzjoni jenħtieġ li tkun tista' tiddeċiedi minnufih jekk tagħtix il-kunsens jew tirrifjutahx. Jenħtieġ li n-nuqqas ta' tweġiba fi żmien sitt ġimgħat ma jinftehimx bħala kunsens u jenħtieġ li mingħajr kunsens il-miżura ma tiġix implimentata. Jenħtieġ li l-konsultazzjoni ma titwettaqx meta t-tqegħid ikun ma' individwu u ma jkunx jirrikjedi s-superviżjoni ta' kwalunkwe awtorità pubblika tal-Istat Membru ta' implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Ir-rappreżentanti ***tal-adulti li, minħabba indeboliment jew insuffiċjenza tal-kapaċitajiet personali tagħhom, ma jkunux f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom,*** jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvokaw is-setgħat tagħhom biex jirrappreżentaw lil dawk l-adulti u biex jipproteġu l-interessi ta' dawk l-adulti mingħajr ostakoli fl-Unjoni. Għalhekk, ir-	(35) Ir-rappreżentanti ***ta' adulti vulnerabbli*** jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvokaw is-setgħat tagħhom biex ***jappoġġaw lil dawk l-adulti fl-eżerċizzju tal-kapaċità ġuridika tagħhom jew*** jirrappreżentaw lil dawk l-adulti u biex jipproteġu l-interessi ta' dawk l-adulti mingħajr ostakoli fl-Unjoni. Għalhekk, ir-rappreżentanti jenħtieġ li jkunu jistgħu juru

rappreżentanti jenħtieġ li jkunu jistgħu juru faċilment l-istatus u s-setgħat tagħhom fi Stat Membru ieħor, pereżempju fi Stat Membru li fih tinsab il-proprjetà immobbli jew assi oħrajn tal-adult. Sabiex ikunu jistgħu jagħmlu dan, jenħtieġ li jinħoloq Ċertifikat Ewropew ta' Rappreżentanza ("iċ-Ċertifikat"). Dak iċ-Ċertifikat jenħtieġ li jkun ċertifikat uniformi li ***għandu*** jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor. Sabiex jiġi rispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, iċ-Ċertifikat jenħtieġ li ma ***jieħux*** il-post ta' dokumenti interni li jistgħu jeżistu għal finijiet simili fl-Istati Membri.	faċilment l-istatus u s-setgħat tagħhom fi Stat Membru ieħor, pereżempju fi Stat Membru li fih tinsab il-proprjetà immobbli jew assi oħrajn tal-adult. Sabiex ikunu jistgħu jagħmlu dan, jenħtieġ li jinħoloq Ċertifikat Ewropew ta' ***Appoġġ u*** Rappreżentanza ("iċ-Ċertifikat"). Dak iċ-Ċertifikat jenħtieġ li jkun ċertifikat uniformi li ***jrid*** jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor. Sabiex jiġi rispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, iċ-Ċertifikat jenħtieġ li ma ***jiħux*** il-post ta' dokumenti interni li jistgħu jeżistu għal finijiet simili fl-Istati Membri.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Iċ-Ċertifikat jista' jintalab mir-rappreżentant tal-adult abbażi ta' miżura eżistenti jew setgħat ***konfermati*** ta' rappreżentanza (il-"miżura tas-sors" u s-"setgħat ta' rappreżentanza ***konfermati*** mis-sors"). Għalhekk, jenħtieġ li jinħareġ biss f'sitwazzjonijiet fejn adult ***ikun*** effettivament ***mhux*** f'pożizzjoni li jipproteġi l-interessi tiegħu u r-rappreżentant ikun intitolat li jirrappreżenta b'mod attiv lil dak l-adult fi kwistjoni speċifika waħda jew aktar. Iċ-Ċertifikat jenħtieġ li jinkludi informazzjoni dwar il-firxa tas-setgħat li r-rappreżentant huwa intitolat jeżerċita f'isem adult u, fejn rilevanti, dwar il-kwistjonijiet fejn ir-rappreżentant ***ma huwiex*** intitolat li jaġixxi jew huwa intitolat li jaġixxi taħt ċerti kundizzjonijiet.	(36) Iċ-Ċertifikat jista' jintalab ***mill-adult vulnerabbli jew*** mir-rappreżentant tal-adult ***vulnerabbli*** abbażi ta' miżura eżistenti jew setgħat ta' rappreżentanza ***kkonfermati*** (il-"miżura tas-sors" u s-"setgħat ta' rappreżentanza ***kkonfermati*** mis-sors"). Għalhekk, jenħtieġ li jinħareġ biss f'sitwazzjonijiet fejn adult ***vulnerabbli jkun qed jiġi appoġġat fit-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu jew meta adult vulnerabbli*** effettivament ***ma jkunx*** f'pożizzjoni li jipproteġi l-interessi tiegħu u r-rappreżentant ikun intitolat li jirrappreżenta b'mod attiv lil dak l-adult fi kwistjoni speċifika waħda jew aktar. Iċ-Ċertifikat jenħtieġ li jinkludi informazzjoni dwar il-firxa tas-setgħat li r-rappreżentant huwa intitolat jeżerċita f'isem adult u, fejn rilevanti, dwar il-kwistjonijiet fejn ir-rappreżentant ***mhuwiex*** intitolat li jaġixxi jew huwa intitolat li jaġixxi taħt ċerti

kundizzjonijiet.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) L-użu taċ-Ċertifikat jenħtieġ li ma jkunx mandatorju. Dan ifisser li rappreżentant ta' adult intitolat li japplika għal Ċertifikat jenħtieġ li ma jkun taħt l-ebda obbligu li jagħmel dan iżda ***għandu*** jkun liberu li juża dokumenti nazzjonali jew strumenti oħrajn disponibbli fl-ambitu ta' dan ir-Regolament (miżura jew strument awtentiku) meta jinvoka s-setgħat tiegħu fi Stat Membru ieħor. ***Il-persuni*** li jaġixxu f'isimhom stess ***jenħtieġ li*** ma jkunux meħtieġa jippreżentaw Ċertifikat, ***għalhekk iċ-Ċertifikat*** jenħtieġ li ***jinħareġ biss għal*** rappreżentanti li jeħtieġ li juru s-setgħat tagħhom li jaġixxu b'appoġġ jew f'isem adult.	(37) L-użu taċ-Ċertifikat jenħtieġ li ma jkunx mandatorju. Dan ifisser li rappreżentant ta' adult ***vulnerabbli*** intitolat li japplika għal Ċertifikat jenħtieġ li ma jkun taħt l-ebda obbligu li jagħmel dan iżda ***jenħtieġ li*** jkun liberu li juża dokumenti nazzjonali jew strumenti oħrajn disponibbli fl-ambitu ta' dan ir-Regolament (miżura jew strument awtentiku) meta jinvoka s-setgħat tiegħu fi Stat Membru ieħor. ***Jenħtieġ li l-persuni*** li jaġixxu f'isimhom stess ma jkunux meħtieġa jippreżentaw Ċertifikat, ***iżda jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu meta ċ-Ċertifikat jenħtieġ li jintuża minn rappreżentant. Madankollu,*** jenħtieġ li ***jkun possibbli li ċ-Ċertifikat jintuża minn*** rappreżentanti li jeħtieġ li juru s-setgħat tagħhom li jaġixxu b'appoġġ jew f'isem adult ***vulnerabbli***.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 54a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(54a) F'każijiet fejn divulgazzjoni jew konferma tal-informazzjoni rilevanti tista' tipperikola s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà tal-adult jew ta' persuna oħra, pereżempju fejn l-adult vulnerabbli jew ir-

rappreżentant tiegħu kienu l-vittmi ta' vjolenza domestika u qorti tkun ordnat li l-indirizz il-ġdid tal-adult ma jiġix iddivulgat lill-applikant, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikollu l-għan li jiżgura li jintlaħaq bilanċ delikat. Filwaqt li dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi li Awtorità Ċentrali, qorti jew awtorità kompetenti jenħtieġ li ma tiddivulga jew tikkonferma lill-applikant jew lil parti terza ebda informazzjoni miġbura jew mibgħuta għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, fejn tiddetermina li dan jista' jipperikola s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà tal-adult jew ta' persuna oħra, madankollu r-Regolament jipprevedi li jenħtieġ li l-ġbir u t-trażmissjoni tal-informazzjoni minn u bejn l-Awtoritajiet Ċentrali, il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti ma jiġux impeduti sa fejn ikun meħtieġ biex iwettqu l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan ifisser li, fejn possibbli u xieraq, jenħtieġ li jkun possibbli li applikazzjoni tiġi pproċessata fl-ambitu ta' dan ir-Regolament mingħajr ma l-applikant jingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar tagħha. Pereżempju, meta l-liġi nazzjonali tkun tipprevedi tali azzjoni, Awtorità Ċentrali jenħtieġ li tkun tista' tagħmel rikors f'isem applikant mingħajr ma tgħaddi l-informazzjoni lill-applikant dwar fejn jinsab l-adult. Madankollu, f'każijiet fejn is-sempliċi talba diġà tkun tista' tipperikola s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà tal-adult vulnerabbli jew ta' persuna oħra, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprojbixxi li ssir tali talba.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) Minbarra l-ipproċessar tad-data deskritt hawn fuq, jenħtieġ li d-data personali tiġi proċessata wkoll fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għall-finijiet tal-istabbiliment tas-sistema għall-interkonnessjoni tar-reġistri ta' protezzjoni u reġistri oħrajn tas-setgħat ta' rappreżentanza u tal-iżgurar tal-manutenzjoni u tal-funzjonament xieraq ta' dik is-sistema. Dan l-ipproċessar addizzjonali huwa ġustifikat mill-ħtieġa li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Awtoritajiet Ċentrali b'interess leġittimu jkollhom aċċess għall-informazzjoni dwar jekk adult partikolari jkunx protett fi Stat Membru ieħor, bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni kontinwa ta' dak l-adult f'sitwazzjonijiet ***transfruntieri*** u biex jiżdiedu ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà legali. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-ġestjoni teknika, il-manutenzjoni u s-sigurtà tar-reġistri tagħhom u, sa fejn id-dritt nazzjonali tagħhom jipprevedi, għall-korrettezza u l-affidabbiltà tad-data inkluża ***fih***. Id-data relatata mas-suġġetti tad-data jenħtieġ li tinħażen primarjament fir-reġistri miżmuma mill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' teħtieġ li tipproċessa d-data għall-finijiet tal-iżvilupp u ż-żamma tas-sistema ta' interkonnessjoni u taħżen temporanjament id-data li tiġi aċċessata permezz tas-sistema ta' interkonnessjoni.	(55) Minbarra l-ipproċessar tad-data deskritt hawn fuq, jenħtieġ li d-data personali tiġi proċessata wkoll fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għall-finijiet tal-istabbiliment tas-sistema għall-interkonnessjoni tar-reġistri ta' protezzjoni u reġistri oħrajn tas-setgħat ta' rappreżentanza u tal-iżgurar tal-manutenzjoni u tal-funzjonament xieraq ta' dik is-sistema. Dan l-ipproċessar addizzjonali huwa ġustifikat mill-ħtieġa li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Awtoritajiet Ċentrali b'interess leġittimu jkollhom aċċess għall-informazzjoni dwar jekk adult partikolari jkunx protett fi Stat Membru ieħor, bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni kontinwa ta' dak l-adult f'sitwazzjonijiet ***transfruntiera*** u biex jiżdiedu ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà legali. ***L-aċċess jenħtieġ li jkun strettament limitat għall-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-adult vulnerabbli kkonċernat mill-proċedimenti li jkunu jinsabu għaddejjin quddiem l-awtoritajiet rikjedenti.*** L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-ġestjoni teknika, il-manutenzjoni u s-sigurtà tar-reġistri tagħhom u, sa fejn id-dritt nazzjonali tagħhom jipprevedi, għall-korrettezza u l-affidabbiltà tad-data inkluża ***fihom***. Id-data relatata mas-suġġetti tad-data jenħtieġ li tinħażen primarjament fir-reġistri miżmuma mill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' teħtieġ li tipproċessa d-data għall-finijiet tal-iżvilupp u ż-żamma tas-sistema ta' interkonnessjoni u taħżen temporanjament id-data li tiġi aċċessata permezz tas-sistema ta' interkonnessjoni.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jipprevedu l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fl-Istati Membri kollha;	(e) jipprevedu l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fl-Istati Membri kollha ***fil-kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) jipprevedu l-użu tal-IA, fejn xieraq, biex l-adulti vulnerabbli jiġu assisti jeżerċitaw il-kapaċità ġuridika tagħhom fil-kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) jistabbilixxu miżuri ta' appoġġ għall-adulti vulnerabbli fil-kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament għandu japplika f'materji ċivili għall-protezzjoni f'sitwazzjonijiet ***transfruntieri*** ta' adulti li, minħabba ***diżabbiltà*** jew ***nuqqas fil-kapaċitajiet*** personali tagħhom, ma jinsabux f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom.	1. Dan ir-Regolament għandu japplika f'materji ċivili għall-protezzjoni f'sitwazzjonijiet ***transfruntiera*** ta' adulti li, minħabba ***indeboliment*** jew ***insuffiċjenza tal-kapaċitajiet*** personali tagħhom, ma jinsabux f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom ***jew jeħtieġu appoġġ fl-eżerċizzju tal-kapaċità ġuridika tagħhom***.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tutela, kurazija u reġimi simili;	(c) ***fejn applikabbli,*** tutela, kurazija u reġimi simili;

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-provvediment ta' miżuri biex l-adult vulnerabbli jiġi appoġġat fl-eżerċizzju tal-kapaċità ġuridika tiegħu;

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***in-nomina*** u l-funzjonijiet ta' ***xi persuni*** jew korp li ***għandhom*** l-inkarigu ***biex*** jieħdu ħsieb il-persuna jew il-proprjetà tal-adult***, ir-rappreżentanza jew l-għajnuna tal-adult***;	(d) ***id-dežinjazzjoni*** u l-funzjonijiet ta' ***kwalunkwe persuna*** jew korp li ***jassistu jew jirrappreżentaw lill-adult vulnerabbli, jew li jkollhom*** l-inkarigu ***li*** jieħdu ħsieb il-persuna jew il-proprjetà tal-adult ***vulnerabbli***;

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) id-deċiżjonijiet li jikkonċernaw it-tqegħid tal-adult fi stabbiliment jew f'post ieħor fejn ***tista' tingħata protezzjoni***;	(e) id-deċiżjonijiet li jikkonċernaw it-tqegħid tal-adult fi stabbiliment jew f'post ieħor fejn ***l-appoġġ jew il-protezzjoni jistgħu jiġu pprovduti ladarba jkun ġie stabbilit mill-qorti li huwa fl-aħjar interessi tal-adult vulnerabbli***;

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-awtorizzazzjoni ta' intervent speċifiku għall-protezzjoni tal-persuna jew ***il-proprjetà*** tal-adult.	(g) l-awtorizzazzjoni ta' intervent speċifiku ***għall-appoġġ jew*** għall-protezzjoni tal-persuna jew ***tal-proprjetà*** tal-adult ***vulnerabbli***.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) "adult vulnerabbli" tfisser adult li, minħabba indeboliment jew insuffiċjenza tal-kapaċitajiet personali tiegħu, ma jkunx f'pożizzjoni li jipproteġi l-interessi tiegħu jew jeħtieġ appoġġ u salvagwardji fl-eżerċizzju tal-kapaċità ġuridika tiegħu;
	(Din l-emenda tapplika fit-test kollu u għandha tissostitwixxi l-okkorrenzi kollha ta' "adult" għajr fl-Artikolu 2(3), il-punt (a) u fl-Artikolu 3, il-punti (1) u (3). L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) ***"awtorità" tfisser kwalunkwe awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva ta' Stat Membru bil-kompetenza li tieħu miżuri diretti għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà ta' adult;***	***imħassar***

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) "qorti" tfisser kwalunkwe awtorità

ġudizzjarja jew amministrattiva ta' Stat Membru b'ġuriżdizzjoni fil-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skont l-Artikolu 2;

(Din l-emenda tapplika fit-test kollu u għandha tissostitwixxi l-okkorrenzi kollha ta' "awtorità" għajr: (1) meta tintuża biex tiddefinixxi terminu ieħor fl-Artikolu 3; (2) meta tintuża bħala parti minn terminu definit skont l-Artikolu 3 jew bħala parti mit-termini mhux definiti li ġejjin: "Awtorità Ċentrali", "awtorità pubblika" u "awtorità emittenti". L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Miżuri ta' Appoġġ għar-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni
	Fi proċedimenti li jikkonċernaw il-protezzjoni ta' adult vulnerabbli li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Qrati għandhom jiżguraw, f'konformità mal-liġi proċedurali nazzjonali, li l-adult vulnerabbli jkollu aċċess għal appoġġ legali xieraq, inkluż:
	(a) assistenza fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ġuriżdizzjoni, inkluża gwida dwar l-aktar forum xieraq fil-każ li diversi Stati Membri jistgħu jkunu kompetenti fl-ambitu ta' dan il-Kapitolu;
	(b) vidjokonferenzi jew mezzi oħra ta' komunikazzjoni mill-bogħod li jiġu pprovduti meta adult vulnerabbli

jinstema' fi proċedimenti ġudizzjarji.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Article 8a
	Miżuri ta' appoġġ skont ir-regoli tal-liġi applikabbli
	L-awtoritajiet kompetenti għandhom:
	(a) jipprovdu għodod ta' gwida multilingwi biex jinformaw lill-adulti vulnerabbli u lir-rappreżentanti tagħhom dwar il-liġi applikabbli fl-ambitu ta' dan il-Kapitolu, filwaqt li jiżguraw li jifhmu l-konsegwenzi legali tal-miżuri ta' protezzjoni fi Stati Membri differenti;
	(b) jistabbilixxu servizzi ta' informazzjoni legali ddedikati biex jgħinu lill-adulti vulnerabbli jifhmu u jittrattaw il-kunflitti tal-liġi, b'mod partikolari meta strumenti ta' ppjanar minn qabel jew deċiżjonijiet meħuda f'ġuriżdizzjoni waħda jkunu jeħtieġu rikonoxximent xi mkien ieħor.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jekk il-miżura tkun ittieħdet, ħlief f'każ ta' urġenza, fil-kuntest ta' proċediment ġudizzjarju jew	(a) jekk il-miżura tkun ittieħdet, ħlief f'każ ta' urġenza, fil-kuntest ta' proċediment ġudizzjarju jew

amministrattiv, mingħajr ma tkun ingħatat opportunità ***għall-adult li*** jinstema';	amministrattiv, mingħajr ma tkun ingħatat opportunità ***lill-adult biex*** jinstema' ***jew mingħajr ma jkunu ġew irrispettati r-rieda u l-preferenza tal-adult***;

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Qabel ma tinforza miżura li tirrestringi l-kapaċità ġuridika ta' adult vulnerabbli, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra jekk alternattiva inqas restrittiva, inkluż mekkaniżmi għal teħid tad-deċiżjonijiet appoġġat, tistax tikseb l-istess objettiv b'mod aktar konsistenti mad-drittijiet u mal-preferenzi tal-adult vulnerabbli.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità li quddiemha tiġi invokata miżura meħuda fi Stat Membru ieħor jew li quddiemha jintalab jew jiġi kontestat ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' miżura meħuda fi Stat Membru ieħor, tista' ***, fejn meħtieġ,*** tirrikjedi li ***r-rikorrent*** jipprovdi traduzzjoni jew trażlitterazzjoni tal-kontenut tal-attestazzjoni msemmija fil-paragrafu (1), il-punt (b).	2. L-awtorità li quddiemha tiġi invokata miżura meħuda fi Stat Membru ieħor jew li quddiemha jintalab jew jiġi kontestat ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' miżura meħuda fi Stat Membru ieħor, tista' ***biss*** tirrikjedi li ***l-applikant*** jipprovdi traduzzjoni jew trażlitterazzjoni tal-kontenut tal-attestazzjoni msemmija fil-paragrafu (1), il-punt (b) ***fejn dik l-awtorità tqis li l-informazzjoni inkluża fil-formola ma tkunx biżżejjed għall-ipproċessar tal-applikazzjoni***.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15a
	Miżuri ta' appoġġ għall-infurzar tal-miżuri
	L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeżinjaw uffiċjali ta' kollegament transfruntiera li jassistu lill-adulti vulnerabbli u lir-rappreżentanti tagħhom biex jindirizzaw id-diffikultajiet relatati mal-infurzar.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikkooperaw u jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tagħhom fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	1. L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom ***iwettqu l-kompiti li ġejjin:***
	(a) jikkooperaw u jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tagħhom fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***;***
	(b) jikkomunikaw l-informazzjoni dwar il-liġijiet, il-proċeduri u s-servizzi nazzjonali fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-adulti vulnerabbli, u jieħdu l-miżuri li jqisu xierqa biex titjieb l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

	(c) jiffaċilitaw il-komunikazzjonijiet, b'kull mezz, bejn l-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni dwar id-dritt nazzjonali, il-proċeduri u s-servizzi fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-adulti, u jieħdu l-passi adatti biex titjieb l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kontenut kollu tressaq taħt l-ewwel paragrafu.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jiffaċilitaw il-komunikazzjonijiet, b'kull mezz, bejn l-awtoritajiet kompetenti.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kontenut kollu tressaq taħt l-ewwel paragrafu.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk awtorità ta' Stat Membru tikkontempla t-tqegħid tal-adult fi Stat Membru ieħor fi stabbiliment jew post ieħor fejn tista' tiġi pprovduta l-protezzjoni, din għandha l-ewwel tikseb il-kunsens ta' Awtorità Ċentrali ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. Għal dak il-għan, din tittrażmetti lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru rikjest rapport dwar l-adult flimkien mar-raġunijiet għall-miżura proposta, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness VI.	1. Jekk awtorità ta' Stat Membru tikkontempla t-tqegħid tal-adult ***vulnerabbli, wara li tkun kisbet il-kunsens tal-adult vulnerabbli,*** fi Stat Membru ieħor fi stabbiliment jew post ieħor fejn tista' tiġi pprovduta l-protezzjoni, din għandha l-ewwel tikseb il-kunsens ta' Awtorità Ċentrali ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. Għal dak il-għan, din ***għandha*** tittrażmetti lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru rikjest rapport dwar l-adult ***vulnerabbli*** flimkien mar-raġunijiet għall-miżura proposta, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness VI.

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-laqgħat tal-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jissejħu***, b'mod partikolari,*** mill-Kummissjoni fi ħdan il-qafas tan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE[25].	2. Il-laqgħat tal-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jissejħu mill-Kummissjoni fi ħdan il-qafas tan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE[25].
[25] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).	[25] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 37(2),*** kull Awtorità Ċentrali u kull awtorità kompetenti għandhom iġarrbu l-kostijiet tagħhom stess fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	2. Kull Awtorità Ċentrali u kull awtorità kompetenti għandhom iġarrbu l-kostijiet tagħhom stess fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenti mal-bidla fl-Artikolu 37.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 33a
	Miżuri ta' appoġġ
	1. L-Istati Membri għandhom:
	(a) jaħtru mħallfin ta' kollegament transfruntiera li jispeċjalizzaw fi kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-adulti vulnerabbli biex jipparteċipaw f'Network Ewropew għall-fini li tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri;
	(b) jistabbilixxu pjattaformi ta' kooperazzjoni online biex jippermettu lill-professjonisti li jassistu lill-adulti vulnerabbli bħar-rappreżentanti legali, il-ħaddiema soċjali jew l-esperti mediċi jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa b'mod sigur u effiċjenti;
	(c) jistabbilixxu għodod ta' ġestjoni

tal-każijiet assistiti mill-IA, fejn xieraq, biex jissimplifikaw il-komunikazzjoni bejn il-qrati u l-awtoritajiet kompetenti li jittrattaw miżuri ta' protezzjoni fil-ġuriżdizzjonijiet kollha.

2. Fejn xieraq, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw għodod xprunati mill-IA biex itejbu l-aċċess għall-ġustizzja u jappoġġaw lill-adulti vulnerabbli f'sitwazzjonijiet transfruntiera, dment li tali għodod jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-drittijiet fundamentali, tal-protezzjoni tad-data u tat-trasparenza tal-UE. Tali għodod jistgħu jinkludu:

(a) assistenza legali li taħdem bl-IA biex l-adulti jiġu pprovduti bi spjegazzjonijiet aċċessibbli tal-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, u l-proċeduri ta' rikonoxximent bil-lingwa preferuta tagħhom;

(b) trekkjar transfruntier awtomatizzat tal-każijiet, li jippermetti lill-adulti u lir-rappreżentanti tagħhom isegwu l-progress tal-proċedimenti ġuriżdizzjonali, ta' rikonoxximent jew ta' infurzar fl-Istati Membri kollha;

(c) sistemi ta' detezzjoni tar-riskju xprunati mill-IA biex jiġu identifikati inkonsistenzi potenzjali fil-miżuri protettivi, u b'hekk jgħinu fil-prevenzjoni ta' kunflitti bejn deċiżjonijiet maħruġa fi Stati Membri differenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-adulti vulnerabbli jkollhom aċċess, fejn xieraq, għall-informazzjoni dwar is-salvagwardji u r-rimedji proċedurali disponibbli u l-miżuri ta' appoġġ eżistenti bħall-għajnuna legali u l-appoġġ finanzjarju u psikoloġiku.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar kampanji ta' sensibilizzazzjoni, fejn

xieraq f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili u ma' partijiet ikkonċernati oħra.

Tali informazzjoni għandha tiġi pprovduta f'post wieħed f'format faċilment aċċessibbli permezz ta' mezz xieraq, bħal ċentru ta' informazzjoni, punt fokali eżistenti jew gateway elettroniku, inkluż il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

[1a] Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj).

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Kapitolu VII – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ĊERTIFIKAT EWROPEW TA' RAPPREŻENTANZA	ĊERTIFIKAT EWROPEW TA' ***APPOĠĠ U*** RAPPREŻENTANZA *(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)*

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-Ċertifikat għandu jinħareġ għall-użu ***minn rappreżentanti,*** li***,*** fi Stat Membru ieħor***, ikollhom bżonn*** jinvokaw is-setgħat tagħhom biex ***jirrappreżentaw adulti li, minħabba diżabbiltà*** jew ***nuqqas fil-kapaċitajiet personali tagħhom, ma jkunux f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom***.	1. Iċ-Ċertifikat għandu jinħareġ ***lill-adult vulnerabbli*** għall-użu ***mir-rappreżentanti tiegħu*** li fi Stat Membru ieħor ***ikunu meħtieġa*** jinvokaw is-setgħat tagħhom biex ***jappoġġaw*** jew ***jirrappreżentaw lill-adult vulnerabbli***.

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċertifikat jista' jintuża biex juri li r-rappreżentant huwa awtorizzat, abbażi ta' miżura jew setgħa ***konfermata*** ta' rappreżentanza, li jirrappreżenta lill-adult b'mod partikolari f'waħda jew aktar mill-kwistjonijiet li ġejjin:	2. Iċ-Ċertifikat jista' jintuża biex juri li r-rappreżentant huwa awtorizzat, abbażi ta' miżura jew setgħa ta' rappreżentanza ***kkonfermata***, li ***jappoġġa jew*** jirrappreżenta lill-adult b'mod partikolari f'waħda jew aktar mill-kwistjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***t-tariffa għall-kisba taċ-Ċertifikat, jekk ikun hemm, ma taqbiżx il-***	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***ċ-Ċertifikat jinħareġ mingħajr ħlas***.

kost tal-produzzjoni taċ-Ċertifikat.

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċess tal-applikazzjoni jkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Iċ-Ċertifikat għandu jkun disponibbli f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-Ċertifikat għandu jindika liema setgħat ***ir-rappreżentant*** ta' adult ***għandu*** jew, kif xieraq, b'mod negattiv, liema setgħat ***ir-rappreżentant*** ma għandux. Fejn applikabbli, iċ-Ċertifikat għandu jindika	1. Iċ-Ċertifikat għandu jindika liema setgħat ***għandu r-rappreżentant*** ta' adult ***vulnerabbli, u l-limitu ta' dawk is-setgħat,*** jew, kif xieraq, b'mod negattiv, liema setgħat ma għandux ***ir-rappreżentant***. Fejn

wkoll kwalunkwe limitazzjoni ta' dawn is-setgħat jew kundizzjonijiet ***mehmuża*** ma' ***dawn is-setgħat***.	applikabbli, iċ-Ċertifikat għandu jindika wkoll kwalunkwe limitazzjoni ta' dawn is-setgħat jew kundizzjonijiet ***marbuta*** ma' ***tali setgħat***.

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Sa mhux aktar tard minn [sentejn wara d-data tal-bidu tal-applikazzjoni],*** l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu fit-territorju tagħhom reġistru wieħed jew aktar li fih tiġi reġistrata informazzjoni dwar miżuri ta' protezzjoni u, fejn id-dritt nazzjonali tagħhom jipprevedi l-konferma tas-setgħat ta' rappreżentanza minn awtorità kompetenti, dwar dawk is-setgħat ta' rappreżentanza ("reġistri ta' protezzjoni").	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu fit-territorju tagħhom reġistru wieħed jew aktar li fihom tiġi rreġistrata informazzjoni dwar miżuri ta' protezzjoni u, fejn id-dritt nazzjonali tagħhom jipprevedi l-konferma tas-setgħat ta' rappreżentanza minn awtorità kompetenti, dwar dawk is-setgħat ta' rappreżentanza ("reġistri ta' protezzjoni").

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa għaċ-ċarezza legali u b'mod li jikkorrispondi mal-Artikolu 70.

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa mhux aktar tard minn [sentejn wara d-data tal-bidu tal-applikazzjoni], l-Istati Membri fejn id-dritt nazzjonali ***jipprovdi għal*** reġistri elettroniċi li jirreġistraw informazzjoni dwar setgħat oħra ta' rappreżentanza li ***huma reġistrati*** minn	L-Istati Membri fejn id-dritt nazzjonali ***jipprevedi*** reġistri elettroniċi li jirreġistraw informazzjoni dwar setgħat oħra ta' rappreżentanza li ***jiġu rreġistrati*** minn awtorità kompetenti, u fejn id-dritt nazzjonali ma jipprevedix il-konferma ta'

awtorità kompetenti, u fejn id-dritt nazzjonali ma jipprevedix il-konferma ta' tali setgħat ta' rappreżentanza, ***għandha tiżgura*** li dawk ir-reġistri jirreġistraw l-informazzjoni ***obbligatorja*** msemmija fl-Artikolu 45(2).	tali setgħat ta' rappreżentanza, ***għandhom jiżguraw*** li dawk ir-reġistri jirreġistraw l-informazzjoni ***mandatorja*** msemmija fl-Artikolu 45(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa għaċ-ċarezza legali u b'mod li jikkorrispondi mal-Artikolu 70.

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema deċentralizzata għall-interkonnessjoni ("sistema ta' interkonnessjoni") li ***hija*** magħmula minn:	1. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni ***adottati f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 60(1) u (4)***, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema deċentralizzata għall-interkonnessjoni ("sistema ta' interkonnessjoni") li ***tkun*** magħmula minn:

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikollhom interess leġittimu fl-aċċess għal ***din l-informazzjoni***.	(b) ikollhom interess leġittimu fl-aċċess ***tal-informazzjoni strettament meħtieġa*** għal ***wieħed mill-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 51(1), il-punt (a), (b), (c), (d) jew (e) b'rabta mal-adult vulnerabbli li jkun is-suġġett ta' proċedimenti li jkunu jinsabu għaddejjin quddiem l-awtoritajiet rikjedenti***.

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-użu tas-sistema*** tal-IT deċentralizzata ***jista' ma jkunx xieraq għal komunikazzjoni diretta bejn*** l-awtoritajiet ***imwettqa skont l-Artikolu 27(1), u minflok jista' jintuża kwalunkwe mezz ieħor*** ta' komunikazzjoni.	2. ***Il-komunikazzjoni tista', madankollu, titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti b'mezzi alternattivi meta l-komunikazzjoni elettronika f'konformità mal-paragrafu 1 ma tkunx possibbli minħabba:*** ***(a) l-interruzzjoni fis-sistema*** tal-IT deċentralizzata***;*** ***(b) in-natura fiżika jew teknika tal-materjal trażmess; jew*** ***(c) force majeure.*** ***Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu,*** l-awtoritajiet ***kompetenti għandhom jiżguraw li l-mezzi alternattivi*** ta' komunikazzjoni ***użati jkunu l-aktar rapidi u xierqa u li jiżguraw skambju sigur u affidabbli ta' informazzjoni***.

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Fejn il-komunikazzjoni elettronika f'konformità mal-paragrafu (1)*** ma ***tkunx possibbli minħabba t-tfixkil tas-sistema tal-IT deċentralizzata, in-natura tal-materjal trażmess jew iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali***, ***it-trażmissjoni għandha titwettaq bl-aktar mezzi alternattivi rapidi u xierqa***, ***filwaqt*** li ***tittieħed***	3. ***Meta l-użu tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fil-paragrafu 1*** ma ***jkunx xieraq għal komunikazzjoni diretta bejn l-awtoritajiet imwettqa skont l-Artikolu 27(1)***, ***minflok jista' jintuża kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni***, ***dment*** li ***tali mezzi ta' komunikazzjoni jirrispettaw id-drittijiet***

inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiġi żgurat skambju sigur u ***affidabbli ta' informazzjoni***.	***proċedurali tal-partijiet għall-proċedimenti*** u ***l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni***.

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew stabbilit fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika skont l-Artikolu 4 tar-Regolament UE [...] [ir-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni] jista' jintuża għall-komunikazzjoni elettronika bejn il-persuni fiżiċi u ġuridiċi u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-awtoritajiet emittenti b'rabta ma' dan li ġej:	1. Il-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew stabbilit fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika skont l-Artikolu 4 tar-Regolament UE [...] [ir-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni] jista' jintuża għall-komunikazzjoni elettronika bejn il-persuni fiżiċi u ġuridiċi***, jew ir-rappreżentanti tagħhom,*** u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-awtoritajiet emittenti b'rabta ma' dan li ġej:

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali li ***għalihom*** Stat Membru wieħed jew aktar ***huma*** parti fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u li jittrattaw kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament.	1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali***, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,*** li Stat Membru wieħed jew aktar ***ikunu*** parti ***għalihom*** fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u li jittrattaw kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu s-sistema ta' interkonnessjoni skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati sa [***3 snin*** wara d-dħul fis-seħħ].	4. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu s-sistema ta' interkonnessjoni skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati sa [***sentejn*** wara d-dħul fis-seħħ].

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu s-sistema tal-IT deċentralizzata skont il-paragrafu 2 għandhom jiġu adottati sa [***sentejn (2)*** wara d-dħul fis-seħħ].	5. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu s-sistema tal-IT deċentralizzata skont il-paragrafu 2 għandhom jiġu adottati sa [***sena*** wara d-dħul fis-seħħ].

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 65	***imħassar***
Dispożizzjonijiet tranżizzjonali	
1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għal miżuri meħuda, għal strument awtentiku mfassal jew reġistrat formalment, u għal setgħat ta' rappreżentanza kkonfermati wara [data	

tal-applikazzjoni].

2. Minkejja l-paragrafu (1), dan ir-Regolament għandu japplika minn [data tal-applikazzjoni] għas-setgħat ta' rappreżentanza mogħtija qabel minn adult taħt kundizzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti tal-HCCH tal-2000.

3. Il-Kapitolu VI dwar il-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali għandu japplika għat-talbiet u l-applikazzjonijiet li tirċievi l-Awtorità Ċentrali minn [data tal-applikazzjoni].

4. Il-Kapitolu VII dwar iċ-Ċertifikat Ewropew ta' Rappreżentanza għandu japplika għall-applikazzjonijiet għaċ-Ċertifikat li tirċievi l-awtorità emittenti minn [data tal-applikazzjoni].

5. L-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fl-Artikolu 49(1) għall-proċeduri stabbiliti mill-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' sentejn wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 60(5).

6. Il-Kapitolu VIII dwar l-istabbiliment u l-interkonnessjoni tar-reġistri ta' protezzjoni u r-reġistri ta' setgħat ta' rappreżentanza oħrajn għandu japplika għall-miżuri meħuda u s-setgħat ta' rappreżentanza kkonfermati jew irreġistrati mill-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' sentejn wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 60(4).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw l-applikazzjoni u tressqu skont dan fl-Artikolu 70.

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 66 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [***10*** snin wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill [u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew] rapport dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament appoġġat minn informazzjoni provduta mill-Istati Membri u miġbura mill-Kummissjoni. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun hemm bżonn, minn proposta leġiżlattiva.	1. Sa [***ħames*** snin wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill [u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew] rapport dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament appoġġat minn informazzjoni provduta mill-Istati Membri u miġbura mill-Kummissjoni. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun hemm bżonn, minn proposta leġiżlattiva. ***Id-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi ppreżentata proposta leġiżlattiva jew le għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tal-pubblikazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni, u l-ġustifikazzjoni tagħha għandha ssir pubblika.***

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 69 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) it-tariffi, jekk ikun hemm, li l-Istati Membri jimponu għall-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew ta' Rappreżentanza f'konformità mal-Artikolu 37(2);	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa b'mod konsistenti mal-bidla fl-Artikolu 37(2).

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan għandu japplika mill-[ewwel jum tax-xahar wara perjodu ta' ***18-il*** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	2. Dan għandu japplika mill-[ewwel jum tax-xahar wara perjodu ta' ***12-il*** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Artikolu 49 u l-Artikolu 50 għandhom japplikaw mill-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' ***sentejn*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 60(2).	3. L-Artikolu 49 u l-Artikolu 50 għandhom japplikaw mill-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' ***sena*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 60(2).

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Artikoli 45 u 46 għandhom japplikaw ***minn [sentejn*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ***]***.	4. ***L-Artikolu 38(3) u*** l-Artikoli 45 u 46 għandhom japplikaw ***mill-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' sena*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ***tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 60(1)***.

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Artikolu 47 għandu japplika mill-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 60(1).	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa għaċ-ċarezza legali u b'mod li jikkorrispondi mal-Artikolu 47.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Artikolu 38(3) għandu japplika mill-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' sentejn wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 60(4).	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'mod li jikkorrispondi mal-bidla fil-paragrafu 4.

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-miżuri meħuda, għall-istrumenti awtentiċi mfassla jew irreġistrati formalment, u għas-setgħat ta' rappreżentanza kkonfermati wara ... [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'mod li jikkorrispondi mal-bidla fl-Artikolu 65.

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6b. Minkejja l-paragrafu (6a), dan ir-Regolament għandu japplika minn ... [data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] għas-setgħat ta' rappreżentanza mogħtija minn qabel minn adult skont kundizzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti tal-HCCH tal-2000.

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 6c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6c. Il-Kapitolu VI dwar il-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali għandu japplika għat-talbiet u għall-

applikazzjonijiet li l-Awtoritajiet Ċentrali jirċievu minn ... [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 6d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6d. Il-Kapitolu VII dwar iċ-Ċertifikat Ewropew ta' Rappreżentanza għandu japplika għall-applikazzjonijiet għaċ-Ċertifikat li l-awtorità emittenti tirċievi minn ... [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 6e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6e. L-Artikoli 45, 46 u 48 dwar l-istabbiliment u l-interkonnessjoni tar-reġistri ta' protezzjoni u r-reġistri ta' setgħat ta' rappreżentanza oħrajn għandhom japplikaw għall-miżuri meħuda u għas-setgħat ta' rappreżentanza kkonfermati jew irreġistrati mid-data msemmija fil-paragrafu 4.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta għal Regolament għandha l-għan li tistabbilixxi regoli fil-livell tal-Unjoni Ewropea li jipprovdu ċertezza legali kif ukoll jiżguraw l-effett tal-miżuri ta' protezzjoni għall-adulti u għar-rappreżentanti tagħhom f'sitwazzjonijiet transfruntiera, filwaqt li jibnu fuq il-qafas stabbilit mill-Konvenzjoni tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti (il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti tal-HCCH tal-2000) tal-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (HCCH). Ir-rapporteur tappoġġa l-objettiv tal-proposta, speċjalment fil-kuntest ta' żieda prevista fl-għadd ta' adulti li se jeħtieġu appoġġ jew salvagwardja fl-eżerċizzju tal-kapaċità ġuridika tagħhom fi Stat Membru ieħor, filwaqt li tqis, b'mod partikolari, popolazzjoni li qed tixjieħ kif ukoll żieda fil-mobbiltà intra-UE.
Fl-istess ħin, ir-rapporteur tapprova bis-sħiħ id-drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma partijiet għaliha. L-UNCRPD fissret bidla radikali fl-approċċ għall-kura ta' persuni b'diżabilità u biex dawn ikunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tagħhom fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.
B'dan ir-rapport, ir-rapporteur għandha l-għan li tinkorpora l-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti tal-HCCH tal-2000 fid-dritt tal-UE għall-fini taċ-ċarezza legali, filwaqt li fl-istess ħin tallinjah mal-UNCRPD billi tippromwovi miżuri ta' protezzjoni u appoġġ li jiffukaw fuq ir-rispett tal-awtonomija sħiħa tal-persuni kkonċernati. Filwaqt li l-proposta ma tittrattax kwistjonijiet sostantivi, li jibqgħu taħt il-kompetenzi nazzjonali, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar il-fatt li l-qafas ta' kooperazzjoni ġudizzjarja stabbilit fl-ambitu ta' din il-proposta jpoġġi l-awtonomija personali fiċ-ċentru tal-politiki kollha.
Il-Kunsill għandu jsegwi l-promozzjoni tal-istess prinċipji wara l-adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Adulti tal-HCCH tal-2000.
Ir-rapporteur tipproponi wkoll miżuri ta' appoġġ addizzjonali li jgħinu lill-persuni kkonċernati biex jifhmu u jinnavigaw il-kwistjonijiet kumplessi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
European Commission - DG JUST
European Disability Forum
European Network on Independent Living
Council of the Notariats of the European Union

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.